MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 364/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**(Spt. Carol Fabri)**
**Vs**
**Charlene-Carm Simpson**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Charlene-Carm Simpson [detentrici tal-karta tal-identita` numru 490183 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Lulju 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kkommettiet diversi delitti ta' serq u cioe`

1. nhar it-2 ta' Lulju 2012 ghall-habta ta' 14.00 hrs, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' M4 Supermarket li jinsab fi Triq il-Linja, Attard, ikkommettiet serq ta' oggetti

liema serq huwa serq semplici u li sar ghad-detriment tas-sidien tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i ohra;

2. nhar it-30 ta' Gunju, 2012 ghall-habta ta' bejn 16.00 hrs u 18.00 hrs, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' M4 Supermarket li jinsab fi Triq il-Linja, Attard, ikkommettiet serq ta' oggetti liema serq huwa serq semplici u li sar ghad-detriment tas-sidien tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i ohra;

3. nhar it-28 ta' Gunju 2012 ghall-habta ta' 16.00 hrs, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' M4 Supermarket li jinsab fi Triq il-Linja, Attard, ikkommettiet serq ta' oggetti liema serq huwa serq semplici u li sar ghad-detriment tas-sidien tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i ohra;

4. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku wettqet diversi reati li hija kellha tissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghha kellha dmir li timpedixxi li jsiru dawn ir-reati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 141 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha w ikkundannataha sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A ta' l-istess Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' sena.
Il-Qorti spjegat lill-appellanti fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-esponenti minn kull htija, alternattivament f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tvarja l-piena inflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skont dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti illi l-Qorti inferjuri meta accettat l-ammissjoni tal-imputata ma ikkonfrontatx tali ammissjoni mal-fatti quddlema esposti, in partikolari dawk dwar id-divergenzi finanzjarji u c-cirkostanzi kollha tal-kaz b'mod li l-istess Qorti, kif del resto awtorizzata u obbligata mill-ligi,  kellha tissindaka aktar dawk jr-reati quddiema ipotizzati.  U dan kif provdut ai termini tas-subinciz 3 tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

a. Illi ulterjorment jigi ritenut li tali ammissjoni, ma kienitx wahda informata b'mod seren u ghaldaqstant fl-ewwel istanza tali ammisjoni ma hiex affidabbli.  L-ghaggla tal-istess proceduri, u cioe' id-data tar-reat, u l-prezentata taghha quddiem il-Qorti, ghalkemm huwa tajjeb fil-qosor ta' termini investigattivi u tempestivament mill-Pulizija, zgur ma humiex konducenti ghal dik is-serenita' 'l boghod minn kull pressjoni estranea li biha persuna tasal biex taghmel dik li komunement maghrufa bhala informed decision.

b. Ghaldaqstant qieghed jigi ritenut li tali ammissjoni hija wahda karenti mir-rekwiriti importanti, u aktar u aktar meta niehdu in konsidereazzjoni l-fatt li fil-kamp kriminali l-istess legislatur konxju kemm l-istat ta' tfixkil mentali kif ukoll minn nuqqas ta' informazzjoni relattiva, impona li jkun hemm terminu ta' riflessjoni.

c. Jinghad ulterorment li fl-istess sentenza jidher li l-istess terminu ta' riflessjoni impost mill-legislatur ma inghatax, u jekk kien hemm effettivament xi riflessjoni din kienet wahda taht pressjoni u affrettat b'mod li a prima facie jidher li tali impozizzjoni legali giet kompjuta.

d. Illi l-appellanti ma kellhiex zmien bizejjed biex tahseb dwar l-ammissjoni bil-konsegwenza li l-ammissjoni

saret b'mod ferm affrettat. Illi dan imur kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-ammissjoni fil-proceduri penali.

2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni agravju jirrizulta filli fl-umli fehma tal-esponenti, hemm karenzi cari u inekwivoci fl-istqarrija prezentata billi din ma tirriflettix dak li gie velat lill-Pulizija dwar il-kaz, u in partikolari d-divergenzi finanzjarji eistenti li 1-Pulizija irrifjutat, b'mod arbitrarju u kontra l-prassi tal-istqarrija, li tinkludi fl-istess stqarrija, u in oltre naqset mill-obligi taghha li tinforma lill-partijiet b'dawk l-allegazjoniet u li ma kienitx il-Prosekuzzjoni bi hsiebha igib 'l quddiem fil-Qorti, liema obbligazzjoni ta' disclosure hija wabda sancita fil-ligi taghna a termini tas-subinic 2 tal-Artikolu 356 tal-Kap 9.

a. Illi tali nuqqas ta' disclosure, pogga wkoll lill-istess Qorti inferjuri f'pozizzjoni zvantagata a dak rikjest mill-ligi u cioe l-evalwazzjoni tal-akkuzi u l-fatti u n-necessita li tiehu d-decizjoni sopra indikata a terminu tal-Artikolu 392(3) tal-Kap 9.

b. Illi n-nuqqas kemm fl-istqarrija u kemrn fis-sottomissjonijiet tal-Pulizija maghduda mal-ghaggla esagerata f'dan il-kaz ta' serq semplici iqajmu mistoqsijiet u incertezzi li aktar jghatu lok u jsahhu l-argumentazzjoni ta' karenza fl-ammissjoni maghmula mill-imputata f'dan il-kaz.

c. Illi dan in-nuqqas ippregudika lill-appellanti kif ukoll serva ta' nuqqas serju fl-ammissjoni tal-gustizzja u dan peress li l-Qorti ma inghatatx il-verzjoni kollha ta' dak li l-appellanti stqarret mal-Pulizija.

Illi l-Pulizija ma tistax tkun selettiva f'dak li tiddikjara u tiehu nota tieghu meta tittiehed stqarrija ta' persuna li tkun investigata u sussegwentement akkuzata ghaliex mhux bizzejjed li dak li jigi mistqarr, jigi mistqarr b'mod volontarju mill-istess persuna indagata, izda dak kollu li jistqarr l-indagat ghandu jigi registrat fl-interezza tieghu biex eventwalment jigi pprezentat lill-Qorti fil-proceduri.

Dan kollu jirrizulta minn principju baziku li l-Pulizija ghandha tressaq u tghati lill-Qorti l-provi kollha kemm kontra kif ukoll favur l-istess imputat, principju li jissalvagwardja d-dritt ta' fair hearing u jassigura b'mod korrett kif jitmexxew l-affarijiet, liema obligu ma giex osservat.

3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju jirrizulta filli l-piena in segwitu erogata mill-ewwel Qorti hija wahda ecessiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, maghdud semplicement li dan huwa serq semplici a termini tal-Artikolu 84, fejn l-Artikolu 285 fil-proviso tieghu jispecifika piena sa massimu ta' tlett xhur pngunerija.

a. Qieghed jigi applikat il-proviso tal-Artikolu 285 billi ma giex stabilit l-ammont allegatament misruq, u ghaldastant f'dan in-nuqqas il-prassi legali hija li jigi applikat lanqas valur relativ.

Maghduda ma dawn iz-zieda tassattiva tal-artikolu 141 u dik diskrezzjonali tal-artikolu 18 ta' bejn grad jew zewg gradi, il-massimu inkrimentali ta' tiett gradi, jkun irid jigi ridott bl-applikazjoni tas-subincizi 2 u jew 3 tal-Artikolu 337, fejn il-piena tinzel b'zewg gradi.

b. Ghalhekk fl-ewwel ipotesi hemm tlugh ta' tlett gradi u inzul ta' zewg gradi rizultanza ta' hekk mill-erbatax il-grad tmur ghat-tiettax il-grad tal-artikoli 31(b), u fit-tieni ipotesi jkun hemm tlugh u inzul ta' gradi ugwali li jhalli dan ir-reat fl-14 il-grad u cioe' b'massimu ta' tlett xhur prigunerija.

c. Ghaldaqstant is-sitt xhur indikati fis-sentenza, huma fl-ewwel ipotesi il-massimu applikabli u fit-tieni ipotesi aktar mill-piena applikabli, fic-cirkostanzi riflessi anke fis-sentenza, ta' n-natura tar-reati li taghhom tinstab hatja, il-koperazzjoni taghha mal-pulizia, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghha li hija netta, kull piena kellha tkun wahda fil-minimum possibli u zgur mhux ta' inkarcerazzjoni la effettiva u lanqas sospiza.

Ikkonsidrat

**L-ewwel aggravju**

L-appellant jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati ma ħaditx in konsiderazzjoni id-diverġenzi finanzjarji bejn l-appellant u wieħed mis-sidien tal-ħwienet. Din is-sottomissjoni m'hemm ebda bażi għaliha fil-proċess. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat l-istqarrijiet tal-appellanti flimkien maċ-ċitazzjoni u għalhekk kulma qalet l-appellanti fl-istqarrijiet kien għad-dispożizzjoni tal-Qorti fosthom din is-silta fit-tieni parti ta' fol.15:

**'D: Tista' tispjegali għalfejn għamilt hekk?**
**K: Għax wieħed mis-sidien ta' dak il-ħanut li jismu Johan Ciantar għandu jagħti €1,200 lir-raġel tiegħi u dan baqa' mingħajrhom.'**
**D: Ir-raġel tiegħek kien jaf li qed tisraq?**
**R: Le, ħadd ma kien jaf.'**

Ma' din is-silta hemm ukoll il-kliem li ġej fl-ewwel parti ta'fol.15:

''D: Tikkonferma wkoll illi ż-żewġ basktijiet li elevajna ukoll huma l-istess li kellek meta mort is-supermarket?
R: Iva.
D: Din l-ewwel darba li għamilt xi ħaġa simili?
R: Din it-tieni darba għax nhar is-Sibt li għadda għamilt l-istess mill-istess supermarket imma ħadt affarijiet oħra.'

Ma jirriżulta minn imkien li l-Qorti tal-Maġistrati ma ssindakatx l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel aggravju.

Lanqas ma jista' jingħad li l-appellanti m'għamlitx an 'informed decision.' Hija kellha l-avukat ta' fiduċja tagħha jassistiha li seta' jara d-dokumenti kollha li kienu ppreżentati. M'hemm xejn fl-atti li juri li din kienet 'ammissjoni' 'under duress'. Jekk il-proċeduri mxew

malajr, dan kien fl-interess tal-appellanti li jkollha ġudizzju fi żmien qasir kemm jista' jkun u biex ma tibqax taħt arrest.

L-aggravju (b) huwa simili għall-ewwel aggravju. Ma jirriżultax li l-appellanta ma ngħatatx żmien ta' riflessjoni. Isegwi li l-ammissjoni m'hi karenti minn xejn.

L-aggravju (ċ) huwa estensjoni tal-aggravju (b). L-appellant jissottometti li għaliex fil-verbal m'hemmx imniżżel li ngħata żmien għar-riflessjoni, allura dan iż-żmien ma ngħatax. Waqt li huwa desiderabbli li dan it-tagħrif jitniżżel, ma jistax min-naħa l-oħra wieħed jikkonkludi li għax m'hemmx imniżżel hekk, allura ż-żmien ma ngħatax. Filfatt m'hemm eba obbligu fil-liġi li jitniżżel ingħatax jew le żmien għar-riflessjoni għalkemm il-prattika hija – u din hija prattika – li fil-verbal ikun indikat li ngħata tali żmien. Kull ġudikant jagħti dawn il-mumenti ta' riflessjoni awtomatikament

L-aggravju (d) huwa li l-appellanti ma kellhiex żmien biżżejjed biex taħseb dwar l-ammissjoni. L-appellanti kienet assistita mill-avukat ta' fiduċja tagħha li żgur f'kien f'pożizzjoni tajba li jagħtiha parir xieraq x'għandha tagħmel.Seta' saħansitra ta' parir biex twieġeb li mhix ħatja. Barra dan kien hemm trapass ta' ħin biżżejjed ben l-ewwel stqarrija li spiċċat fit-2 ta' Lulju 21.15 u l-jum li fih tressqet il-Qorti – 3 ta' Lulju, 2012.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji (a)(b)(ċ) u (d) tal-ewwel aggravju.

**It-tieni aggravju**

L-ewwel parti ta' dan l-aggravju tirreferi għad-diverġenzi finanzjarji, li skont l-appellant, l-Pulizija naqset li tinkludi fl-istqarrija.

Iżda mis-silta li tidher aktar 'il fuq jirriżulta li l-Pulizija nkludew dawn id-diverġenzi għax imsemmijin 'expressis verbis.' Għalhekk il-Pulizija ma naqsitx mid-dmirijiet tagħha skont l-artikolu 356 tal-Kap 9.

Isegwi li l-Qorti Inferjuri ma kienet f'ebda pożizzjoni żvantaġġjata skont kif jissottometti l-appellant fil-par.(a) tat-tieni aggravju. Il-Qorti setgħet tagħmel l-evalwazzjoni tal-akkużi speċjalment meta fl-istqarrijiet stess hemm ammissjonijiet ta' serq kif ukoll iċ-ċirkostanzi ta' dan is-serq. U setgħet ukoll tevalwa kull sottomissjoni li setgħet għamlet id-difiża jekk din għamlithom.

Dwar il-paragrafu (b) jingħad li m'hemm ebda nuqqas fl-'istqarrija'. L-appellant donnu jinsa li hemm **żewġ s**tqarrijiet fil-proċess[1] u fit-tieni waħda l-appellant tikkonferma li, ir-raġuni li tat fl-ewwel stqarrija il-għala kienet qed tieħu l-affarijiet mill-ħanut , kienet ir-raġuni valida.

Dwar il-paragrafu (ċ) bid-diversi subinċiżi tiegħu, ma tantx hemm x'wieħed iżid ħlief li jirreferi għal dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti kif ukoll għas-silta mill-istqarrija li tidher b'ittri grassi aktar 'il fuq. Ma jistax jingħad li l-Pulizija ma ppreżentatx l-istqarrija sħiħa ġaladarba jidher il-kliem t'hawn fuq. Jekk kien hemm aktar minn hekk allura l-appellant naqas li jġib il-prova li ntqal aktar minn hekk.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

Għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi għal dak lin ntqal fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Martin Camilleri' fl-20 ta' Jannar 1995 (LXXIX.V.1538) dwar ammissjoni:

**"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs George Cassar Desain* (Kollez.**

[1] L-appellant juża s-singular.

**Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza ġie ritenut, mill-kompjant Imħallef William Harding, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kemm Ingliża kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tgħaddi għall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirriżultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu ħati ta' reat. Aktar recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Mohnani*, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti oħra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirriżultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jingħad biex ħadd ma jifforma l-idea żbaljata li wieħed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi żball jew li ma kienx jaf ghal xhiex qed jammetti."**

F'dan il-każ, l-appellant waħħal fil-Qorti u fil-Pulizija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn qdew dmirijiethom kif suppost.

**It-tielet aggravju**

Dan huwa dwar il-piena.

Skont l-artikolu 285, il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur. Il-proviso jgħodd biss meta l-valur tal-ħaġa ma jkunx iżjed minn €23.29 u jniżżel il-piena għal tliet xhur.

Jekk wieħed japplika l-artikolu 18 bi grad, din il-piena titla' minn xahrejn sa sitt xhur (qed tittieħed il-figura l-aktar baxxa).

Jekk wieħed japplika l-artikolu 18 b'żewġ gradi l-piena titla' minn ħames xhur sa disa' xhur.

Jekk tapplika l-artikolu 141, il-piena titla' minn seba' xhur sa sena.

L-appellant jgħid li għandu japplika l-artikolu 337(2) (b) minħabba l-konsenja tal-oġġetti. Mill-verbal dan ma jirriżultax imma mill-istqarrija jirriżulta dan li ġej:

'D: Lesta li tħallas tal-affarijiet li sraqt jew li troddhom lura? R: Iva.' (fol 15).

Għalhekk il-piena, wara li l-Qorti tikkonsidra d-dispożizzjoni tal-artikolu 337(2)(b) tal-Kap 9 tista' tinżel għal tliet xhur.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju u qed tilqa' t-tielet aggravju wara l-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq.**

**Barra dan, il-Qorti qed tqis li l-appellanti kkoperat mal-pulizija kfi ukoll li għamlet ammissjoni fil-bidu nett.**

**Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju, 2012 fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap 9 kellha tibqa' sospiża għal perjodu ta' sena, u minflok qed tikkundannha għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija li għandha tibqa' sospiża għal perjodu ta' sena. Il-Qorti qed twissi lill-appellanti li l-perjodu ta' sena jibda għaddej minnufih u bil-konsegwenzi li jista' jkun hemm jekk hi twettaq xi reat matul din is-sena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------